# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 544/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Emanuel Borg**

iben Joseph , imwieled Pieta', fil-25 ta' Mejju, 1953, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 410353(M)

Illum, 30 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-20 ta' Novembru 2011, waqt spezzjoni sorpriża li seħħet ġewwa Sounds Bar, Triq il-Mazzola, Buġibba, hu jew impjegat tiegħu,jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu:

i. Naqas milli jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partitia 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq bejgħ ta' provvista, skont il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta' l-Att Nru.XXIII ta' l-1998;

ii. Talli fl-istess żmien u fl-istess post, naqas milli jagħti jew jipproduċi riċevuta ta' taxxa f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq bejgħ ta' provvista, skont il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 ta' l-Att Nru.XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 kif ukoll l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' disgha mitt Euro (€900). Peress illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Borg ipprezentat fis-6 ta' Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma, timmodifika u temenda s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Seduta tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Emanuel Borg* nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru 2013, u dan billi, filwaqt illi tikkonferma l-liberazzjoni ta' l-esponent mit-tieni akkuża, tillibera lill-esponent mill-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu, u tilqa' l-eċċezzjonijiet minnu mressqa jew tiddikjarah mhux ħati.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':

I. Illi l-esponent jidhirlu li la mhuiex sid il-post in kwistjoni u lanqas mhu impjegat tal-post u ċioè li huwa mhuiex il-persuna reġistrata ma' l-Awtorità, il-bażi li fuqhom ittieħdu passi kontrieħ mhumiex ċari.

II. Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, iż-żewġ rappreżentanti tal-Kummissarju tal-VAT fit-totaliltà tagħhom ma tawx xiehda li fl-oppinjoni ta' l-esponent, tissodissfa l-oneru tal-prova mehtieġa u dan għaliex ma saritx identifikazzjoni xierqa ta' l-esponent, u aktar, illi l-ewwel xhud ma kelliex ir-rapport korret tal-post fejn kienet saret l-ispezzjoni u kellha tkun murija r-rapport tal-prosekuzjoni.

III. Illi f'ebda moment ma tressqet ebda prova li setgħet turi li dak il-klient li ħalla l-flus fuq il-bank kien telaq minn fuq il-post u li dan il-fatt iżjed juri li l-oneru tal-prova neċċessarja kontra l-akkużat esponent ma ġietx sodissfatta kif suppost.

IV. Illi fi-rigward tal-piena,mingħajr preġudizzu għall-aggravji hawn fuq elenkati, multa ta' disgħa mitt Ewro (€900) hija eċċessiva meta wieħed iqis illi l-irċevuta fiskali li ma nħarġitx kienet waħda ta' tlettin ċenteżmu (30c).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz kien wiehed sommarja u ghalhekk ma saret ebda traskrizzjoni tax-xiehda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti. Din il-Qorti regghet semghet mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li zewg spetturi tad-Dipartiment tal-VAT fl-20 ta' Novembru, 2011 ghamlu spezzjoni ghall-gharrieda fil-Sounds Bar li jinsab fi Triq Il-Mazzola, Bugibba. Hemmhekk, huma ma sabux il-licensee tal-bar certa Michelle Mallia izda sabu lill-appellant. Huma talbuh biex johrog 'X' reading tal-cash register li kien hemm fil-bar. L-appellant stqarr li ma kienx jaf kif jaghmel din l-operazzjoni fil-cash register. Ghalhekk, hu cempel lil Michelle Mallia li spjegaltlu kif ghandu jaghmel. Fil-frattemp, kien hemm persuna li hadet flixkun birra jew tlett flixken - dan il-punt ma harigx car - u halliet tlett euro fuq il-bank. Dan dawn il-flus maghatat ebda ricevuta u lanqas dan l-ammont ma kien registrat fil-cah register. Dan il-fatt sar fil-prezenza ta' dawn iz-zewg spetturi.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li hemm konflitt ta' provi dwar il-fond fejn saret din l-ispezzjoni. Dan seta' kien il-kaz quddiem l-ewwel Qorti izda mix-xhieda prodotta quddiem din il-Qorti dan zgur ma kienx il-kaz. Gghalhekk, dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-fatt li l-appellant qed jichad li sar bejgh waqt l-ispezzjoni izda dak li gara jista' jigi spjegat b'mod iehor. Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta li persuna hadet oggett u halliet il-flus ta' dan l-oggett. Ghalhekk, hu car li ghal dik il-persuna kien hemm bejgh billi hu ha l-oggett u hallas tieghu. Jispetta lill-bejjiegha li ta' din it-transazzjoni johroglu ricevuta fiskali. L-argumenti tal-appellant li kien hemm xi kont miftuh ta' dik il-persuna li hadet il-flixkun jew fliexken tal-birra ma jaghmilx sens meta hu halla l-flus fuq il-bank. Din il-versjoni kienet tkun kredibbli kieku l-klijent ha l-birra u baqa' sejjer f'postu u qal lil tal-hanut li jqieghed dan il-flixkun fuq il-kont. Ghalhekk, dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi t-tielet aggravju hu fis-sens li l-appellant ma kienx qed jagixxi f'isem il-persuna registrata. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant u Michelle Mallia jafu lil xulxin sew u jirrizulta car li Michelle Mallia telqet mill-hanu ghaliex kien mohha mistrieh li kien hemm il-habib taghha li kien qed jiehu hsieb il-ppost a tenur tal-artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, dan l-aggrvju qed jigi michud.

Illi dwar il-piena, l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal hlas ta' mult ta' disa' mitt euro (€900). Tali multa hi fil-parametri tal-ligi u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tbiddel l-operat ta' l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Emanuel Borg u tikkonferma s-sentenza appellata.